MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Numru 506/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi**
**Spettur Raymond D'Anastasi**
v

**ETIENNE ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ETIENNE ZAMMIT** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Carmel u Frances nee Cefai, imwieled San Giljan nhar t-tlieta ta' Dicembru 1977 u joqghod 'Redentur', Triq Guze Galea, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 70678M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli bejn d-dsatax ta' Lulju 2001 w it-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2001 iz-zewg dati nkluzi, ikommetta serq ta' gizirana tad-deheb li tiswa madwar tlett mitt lira maltin kif wkoll parr imsielet tal-fidda u gojja [pendlu] tal-fidda li jiswew madwar tletin lira maltin mid-dar ta' ommu fejn jabita hu stess f'HalQormi, liema serq hu aggaravt bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta' ommu Frances Zammit;

2. talli f'dan il-Gzejjer, minn April 2001 sat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2001, f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w s-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. talli f'dawn il-Gzejjer matul is-sena 1999 f'hinijiet differenti kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(a)u 120(a) t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

4. talli kiser il-provvedimenti tal-atikolu 5 tal-Att 152 meta kien gie misjub hati ta' delitt u kien gie mpoggi taht l-harsien ta' Probation Officer ghal zmien tlett snin mid-datat tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 1998;

5. talli sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati per Magistrat Dottor Carol Peralta nhar t-tmienja ta' Marzu 1999, u mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Dicembru 1997.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali datat hmistax ta' April 2003 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 5 tal-atti processwali markat bhala dokument CSH 3 u l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-sub artikolu 2 tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 esibit a fol 4 tal-atti markat bhala dokument CSH 2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Mejju 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 15] u ghaldaqstant fl-ewwel appuntament moghti lilu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi pero wara li l-Qorti semghet l-ammissjoni da parti tal-imputat, hasset il-htiega li tisma lil Probation Officer li kien qed jiehu hsieb l-imputat u dan bil-ghan li jkollha gwida dwar x'inhija l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi li ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Infatti, din il-Qorti ghaddiet biex semghet lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta ghal dan l-ghan nhar t-tlettax ta' Gunju 2005.

Illi **nhar t-tlettax ta' Gunju 2005, xehdet Senior Probation Officer Mariella Camilleri** [fol 17] fejn qalet li l-imputat llum il-gurnata issetilja hafna u fil-fatt qabad t-triq t-tajba u li hija kuntenta hafna bil-progress li huwa ghamel kemm ilu taht l-kontroll taghha.  spjiegat li effettiment hija keinet giet nominata bhala Probation Officer tal-imputat permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Ottubru 1998.

Illi din il-Qorti jiddispjaciha tara kif bniedem jigi akkuzat li ghamel reati fis-sena 2001 l-akkuza tigi ppresentata l-Qorti sentejn wara u cioe f'Gunju 2003 w imbaghad tigi mahlufa f'Mejju 2005 cioe erbgha snin shah wara li ghamel r-reati akkuzat bihom.

Illi kien ghalhekk li din il-Qorti hasset il-htiega li tisma lil Ufficja tal-Probation sabiex taccerta ruhha jekk l-istess imputat kienx qed jirregistra progress fl-andament tieghu.

Jirrizulta minn ezami tal-fedina penali tieghu li fis-sena 1998, l-imputat kellu problema ta' pussess ta' droga Eroina u kien ghalhekk li nghatat Probation mill-Qorti tal-Magistrati fuq imsemmija sabiex jindirizza din il-problema.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha, ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi fil-kaz in dezamina, il-Qorti qed thossha ferm konvinta kemm din t-talba tal-imputat biex johrog minn din il-problema hija wahda sinciera w affidabbli. Jirrizulta li huwa veru li dan l-imputat jabbuza mill-uzu tad-droga pero jirrizulta wkoll li ghamel sforz kbir u genwin sabiex jgheleb dan l-istess vizzju, skond ma qalet l-Ufficjal tal-Probation tant li sab impjieg regolari ta' sprayer u ghadu f'impjieg full time sa meta xehdet l-Ufficjal tal-Probation.
**Dwar il-piena**:

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 3 tal-atti minn fejn jirrizulta li registrati erbgha reati, tnejn kontra l-Ordinanza tat-Traffiku ohra dwar ingurja u theddid kontra ufficjal pubbliku. Illi pero r-reati li taghhom instab hati l-imputat jirrisalu ghas-snin 1996 - 1998, meta l-imputat kellu l-problema t'abbuza ta' droga.

Il-Qorti thoss li ghandha zgur tinkoraggixxi zaghzugh li jaghmel hiltu kollha billi jehles minn din il-problema mishuta li qed tahkem pajjizna u tghinu jibqa fuq it-triq t-tajba.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat bl-ebda mod ma ried jahli hin tal-Qorti tant li rregistra ammissjoni fl-ewwel seduta li kellu u kienet biss s-scelta tal-Qorti li tara il-progess tal-imputat li l-kaz ma giex deciz qabel.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tittratta mal-imputat billi terga tpoggi lill-istess imputat taht d-direzzjoni ta' Probation Officer.

**Illi ghalhekk l-Qorti wara li rat l-artikolu 8(1) tal-Kap 101, 49, 50, 261, 263(a), 267, 268(b), 269(g) tal-Kap 9 u l-artikoli 40A u 120 tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat ETIENNE ZAMMIT hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu kif ammessi minnu stess u tiddecidi li tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 11(2) tal-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tinhareg ordni ta' servizz fil-**

**komunita fil-konfront ta' ETIENNE ZAMMIT fejn hu ghandu jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt siegha.**

**Il-Qorti tordna li jkun l-Ufficjal tal-Probation li irid jigi nominat mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation li jara fejn Etienne Zammit ser jaghmel dawn s-sighat fil-komunita u dan ghandu jsir bi qbil bejn l-imputat probationer u r-rappresentant ta' fejn ser isir dan is-servizz.**

**Il-Qorti qed tobbliga lil imputat probationer sabiex jkompli jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies u li ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.**

**Tobbliga wkoll lil l-imputat probationer jidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Dwar l-akkuza li l-imputat kiser il-provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kap 152, illum 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tipprovdi billi ssib lil imputat ETIENNE ZAMMIT hati u tiddecidi li tikkundanah ghal hlas ta' multa ta' hamsin lira ghal tali ksur tal-Ordni tal-Probation.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Etienne Zammit.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------